MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 1008/2013

**AE Malta Limited (C55115)**

**vs**

**James Catania**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors mahluf tas-socjetà AE Malta Limited li, ghar-ragunijiet moghtija, talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li peremzz ta' e-mail intitolat "Don't think I forgot about the money you owe me" liema e-mail iggib id-data 8 ta' Ottubru 2013 hawn annessa Dok. A, u b'modi ohra qabel bil-miktub matul din l-ahhar sena, huwa ivvanta dritt ossia pretensjoni fil-konfront tar-rikorrenti kif intqal fuq.

2. Tipprefiggi terminu ta' mhux iktar minn tlett xhur a tenur tal-artikolu 403 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12), li fi zmienu l-intimat ghandu jressaq azzjoni gudizzjarju in sostenn tal-pretensjoni tieghu hekk maghmula.

3. Fin-nuqqas li l-intimat jintavola azzjoni kif hekk ordnat u fiz-zmien lilu moghti kif intqal fuq, jigi ikkundannat ghas-skiet perpetwu ossia li jinzamm permezz tal-kundanna ta' din il-Qorti milli qatt izjed jressaq pretensjoni fir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, James Catania ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat is-sentenza taghha pronunzjata fil-11 ta' Gunju 2014 li permezz taghha il-Qorti laqghet it-talbiet tar-rikorrenti u pprefiggiet 30 jum sabiex l-intimat iressaq il-pretensjoni tieghu.

Ikkunsidrat illi din hija azzjoni ta' jattanza fit-tieni fazi taghha.

Jirrizulta illi ma giet intavolata ebda pretensjoni entro t-termini li ppreffiggiet il-Qorti fis-sentenza fuq citata. Ghaldaqstant qieghed jigi mpost skiet perpetwu fir-rigward.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tielet talba ta' AE Malta Limited u timponi fuq James Catania skiet perpetwu dwar il-pretensjoni minnu maghmula fil-konfront tas-socjetà AE Malta Limited.

L-ispejjez jithallsu minn James Catania.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------